**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Abdulahi Ahmed Bashir**

**Kumpilazzjoni 170/2018**

**Illum 15 ta' Marzu 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdulahi Ahmed Bashir** detentur tal- KI 111809 (A) minghir residenza fissa billi huwa akkuzat talli fid-13 ta' Marzu 2018 ghall habta tat-tlieta (15:00) u l-erbgha (16:00) ta wara nofsinhar;

1. Bla Ordni skond il-Ligi tal-awtoritá kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Fiona Ellul Bonnici ID: 74895(M) sabiex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha. Art. 87(g) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkomettejt attentat vjolenti ghall-pudur fuq il persuna ta' 74895(M). Art. 207, ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli kkagunajt offizi ta' feriti ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet hekk kif iccertifika Dr W Bartolo minn Mater Dei Rg. No 3558 fuq il-persuna ta' Fiona Ellul Bonnici ID: 74895(M) Art 221 (1) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbejt kontra il-persuna ta' Fiona Ellul Bonnici ID: 74895(M) sabiex tingurja, idejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna. Art. 339(1)(d) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku kont tinsab fis-sakra b'mod li ma kontx tista tiehu hsieb tieghak inniffsek . Art. 338 (ff) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Aktar talli fl-istess data, lok, u hin ; ghixt hajja ta' ghazz u vagabundagg. Art. 338 (w) ) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kkomettejt reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mposta fuqu nhar l-1 ta' Settembru 2014 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr Audrey Demicoli LL.D) liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula, u dan bi ksur tal-Artikolu 28 B ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittiviu ma jistghux jigu mibdula Art. 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitlubali f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383,384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtá tal-vittma Fiona Ellul Bonnici ID: 74895(M)

Il-Qorti giet mitluba li tohtog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' htija ma' kull pien ali 'l Qrati jidrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti trid tibaghat sinjal li l-vjolenza  qatt m'ghandha tkun accettata fis-socjeta' u dan ghal ebda raguni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Bħalma qalet din il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

> **"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 28B, 49, 50, 87(g), 207, 221(1), 289, 338 (ff), 338 (w), 339 (1)(d) tal-Kap 9 issib lill-imputat hati u tikkundannah sittax-il (16) xahar prigunerija.

*In oltre*, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta'

Fiona Ellul Bonnici ghal tliet (3) snin millum skont id-digriet hawn anness.

Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem l-vittma fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan biex tkun protetta l-identita' tal-vittma.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**